DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182731** **16.12.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Agħti rigal li jiżboq kull rigal ieħor...agħti d-demm!***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati appella biex aktar dipartimenti, aġenziji u organizzazzjonijiet jersqu biex jagħtu d-demm b'solidarjetà ma' dawk il-persuni ta' kull età, minn trabi sa anzjani, li l-fejqan tagħhom jiddependi minn dawn id-donazzjonijiet.

Dan qalu l-Ispeaker Farrugia waqt żjara li huwa għamel flimkien ma' numru ta' uffiċjali tal-Parlament fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fi ħdan Is-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm fi Gwardamangia.

Filwaqt li rringrazzja lill-ħaddiema tal-Parlament ta' dan il-ġest altruista li jieħdu fuq bażi regolari, wera wkoll l-apprezzament tiegħu għall-ħaddiema tas-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm għax-xogħol siewi li jagħmlu kif ukoll tal-inizjattivi li jieħdu biex iqajmu aktar għarfien dwar il-bżonn tal-għoti tad-demm.

**Attachments: photo** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt